

# Kunsill Lokali tal-Imqabba

## <u>Rapport Annwali Amministrattiv</u>

**2015**

Il-Werrej


**L-Introduzzjoni tas-Sindku** **1**

**Il-Kunsill** **2**

**Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** **3**

**L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq**

**Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank**

**Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements***

## 2.1 Is-seba' leġislatura tal-Kunsill

| **Inkarigu** | **Parteċipazzjoni f'laqgħat** |
|---|---|
| Sur Nicholas Briffa (eks Sindku) | 0% |
| Dr Charlene Zammit (Sindku) | 100% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Viċi Sindku) | 100% |
| Sur Michel Farrugia (Kunsillier) | 44% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 88% |
| Sinjura Anita Farrugia (Kunsillier) | 80% |

**<u>Impjegati</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) | 100% |
| Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv) | n.a. |
| Sinjorina Kylie Anthea Fenech (Skrivana) | n.a. |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul din is-sena l-*cash office* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba laqa' diversi pagamenti li kienu dovuti mhux biss lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba iżda wkoll lil entitajiet oħra fosthom ir-Reġjuni, id-Dipartiment tal-Artijiet, id-Dipartiment tal-Kummerċ ecc

***Custodial Money***

| Entita' | Sistema | Dettalji | Euros (€) |
|---|---|---|---|
| Kummissarju tal-Artijiet | LEMIS (GPD) | Qbiela u ċnus | 3,800.00 |
| Dipartiment tal-Kummerċ | LAS | liċenzji | 3,600.00 |
| Gwardjani Lokali | Guard and Warden House | Traffiku | 63.36 |
| Reġjun Nofs-in-Nhar | LES | Kontravenzjonijiet | 18,120.00 |
| Reġjun Xlokk | LES | Kontravenzjonijiet | 3,562.50 |
| Reġjun Tramuntana | LES | Kontravenzjonijiet | 1,826.60 |
| Reġjun Ċentru | LES | Kontravenzjonijiet | 6,846.30 |
| Reġjun Għawdex | LES | Kontravenzjonijiet | 104.85 |
| LESA | LES | Kontravenzjonijiet | 2,678.00 |
| **TOTAL** | | | **40,601.61** |

Din is-sena ukoll bdew jitqassmu l-vouchers tal-*Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek* mill-uffiċċju tagħna għal dawk il-persuni li huma intitulati għas-*Celiac Vouchers*. Dawn il-vouchers kienu jlaħħqu għal ammont ta' **€2,760.00**

Introjtu mill-Permessi li nhargu mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba

| | Dettalji tal-Permess | Numru | Ammont (€) |
|---|---|---|---|
| 1 | Attivitajiet | 16 | 182.00 |
| 2 | Depozitar ta' materjal fit-toroq | 5 | 326.20 |
| 3 | Depozitar ta' skips | 41 | 119.49 |
| 4 | Imwejjed u Siggijiet fit-toroq | 20 | 255.20 |
| 5 | Makkinarju fit-toroq | 214 | 2,154.96 |
| 6 | Kabbani u Posti tal-Festi | 111 | 1,259.30 |
| | **T O T A L** | **407** | **4,297.15** |

## Il-Ħidma tal-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba irringrazzja lil Nicholas Briffa, l-eks Sindku, għax-xogħol kollu li għamel għar raħal fi ħdan



il-Kunsill Lokali fis-snin li għaddew kemm bħala Sindku kif ukoll bħala kunsillier bil-għan li jtejjeb il-livell ta' ħajja tar-residenti. Il-Kunsill iżżih ħajr tal-ħidma tiegħu matul din il-leġiżlatura li sfortunatament kellu jtemma' ħesrem minħabba saħħtu. Dan ħoloq vakanza ta' kunsillier u sar dan it-tibdil. Dr Charlene Zammit laħqet awtomatikament Sindku, Grace Marie Mallia laħqet ukoll awtomatikament Viċi Sindku u bil-*co-option* l-għażla waqgħet fuq Anita Farrugia li kienet dikjarata l-ħames kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba.





Aħbar tajba li rċieva l-Kunsill Lokali tal-Imqabba fil-bidu ta' Marzu, kienet li l-Kunsill Lokali tagħna ser jibbenefika minn €30,000 mill-fond nazzjonali ta' €1,000,000 għall-Proġetti Kapitali li tnieda mill-Gvern Ċentrali lejn tmiem is-sena li għaddiet. Il-kompetizzjoni kienet kbira, għaliex b'kollox ġew sottomessi 83 proposta minn 53 Kunsill Lokali, u kienu biss 30 il-proġetti magħżula. Għalhekk ir-riżultat li kiseb il-Kunsill Lokali tal-Imqabba mhux biss tana sodisfazzjon kbir, iżda l-fatt li wieħed mill-proġetti tal-Kunsill intagħżel, jimla' l-Kunsill b'kuraġġ għaliex permezz ta' dawn il-fondi se nagħmlu proġett fil-lokalita', mingħajr ma' nżidu d-dejn akkumulat li diġa' għandu l-Kunsill. Hija sfortuna kbira li minħabba l-appelli li għamlu diversi kunsilli lokali oħra għax ma bbenefikawx, s'issa għadna ma ħadna l-ebda' aħbar dwar kif se nwettqu dan il-proġett.

Din is-sena kienu organizzati diversi attivitajiet soċjali. Infatti kienu organizzati tliet *buffet breakfasts* f'lukanda ewlenija u organizzajna quddiesa u *coffee morning* għan-nisa Imqabbin f'lejlet Jum il-Mara. Kienu attivitajiet li ntlaqgħu mir-residenti u qed nippjanaw li dawn ser isibu posthom fil-kalendarju tas-sena d-dieħla. Fil-25 u s-26

t'April kienet organizzata l-Festa Ravjul, li mhux biss ittellgħet f'Malta għall-ewwel darba, iżda fiha kull min ġie assista



wkoll għal xita ta' ravjul ħelu li kien mitfugħ mill-gallariji taż-żewġ każini tal-banda li għandna fil-pjazza. Attivita' oħra simili kienet organizzata f'Jum l-Imqabba, dejjem bl-involviment ta' organizzatur li ħa ħsieb anke l-kukkanja. Fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena kienu organizzati ħarġa għal Għawdex biex l-Imqabbin imorru jaraw Betlehem f'Għajnsielem li ta' kull sena jorganizza dan il-kunsill u tattira diversi Maltin. Fl-istess jum, jiġifieri fid-29 ta' Diċembru, kienet organizzata Rock Mass f'Misraħ il-Fidwa. Għal dawn l-attivitajiet attendew bi ħġarhom diversi residenti Mqabbin.






Fi Frar il-Kunsill Lokali tal-Imqabba organizza l-laqgħa pubblika u li għaliha kellu attendenza sabiħa. F'din il-laqgħa li ssir darba f'sena, l-Kunsill indirizza l-ħtiġijiet tar-residenti. F'Marzu mbagħad iltqajna mar-residenti li joqogħdu wara l-ġibjun biex minflok isiru laqgħat fil-magħluq, il-membri tal-Kunsill jagħmlu *outreach* u jmissu b'idejhom il-problemi li jmissu magħhom ir-residenti. Infatti s-Sindku, l-Kunsillieri u s-Segretarju Ezekuttiv marru fi Triq Mons Alfons Caruana u raw u ħadu nota tal-problemi li qed jesperjenzaw ir-residenti ta' dik iż-żona. Tant li l-Kunsill beda jaħdem biex jindirizzahom. Il-Kunsill Lokali jifhem illi l-problemi tal-għargħar, li ilu jsofri minnhom is-snin, ma jistgħux jissolvew *short term,* għaliex jeħtieġ li jitfassal pjan ħolistiku biex dawn ikunu indirizzati. Infatti l-Kunsill diġa' ssottometta applikazzjoni mal-MEPA, liema applikazzjoni kienet approvata aktar tard matul is-sena sabiex fi Triq Ġanni Darmanin ikun kostruwit it-tieni ġibjun skont il-pjan lokali, u beda wkoll id-diskussjonijiet mal-entitajiet



kkonċernati sabiex iġib l-għajnuna finanzjarja biex ikun jista' jattwa proġetti kbar, bħal dak tat-tisqif tal-ġibjun eżistenti.

Fis-sajf kien inawgurat ix-xogħol ta' rinovament tal-ambjent fil-librerija tal-Imqabba. Dan kien kumplimentat bix-xiri ta' kotba ġodda u kienu irranġati l-ixkafef b'tali mod illi żdiedet il-kapaċita' tal-kotba fuq l-istess xkaffi b'tul konsiderevoli ta' metraġġ addizzjonali. Il-proġett kien jinkludi installar ta' sett ta' televiżjoni, twapet u purtieri ġodda. Dan awtomatikament żied l-għażla tal-kotba u issa għandna mas-seba' mitt ktieb ġdid disponibbli. Għal dan l-irrinovament kellna magħna propju lil mart u lit-tfal tal-Onor Prim Ministru ta' Malta li sabu ċ-ċans jiġu fostna minħabba li dan kien proġett edukattiv, u għaldaqstant raw l-importanza tiegħu fost ir-residenti tagħna.



Photo - DOI - Martin Attard



Kienu wkoll organizzati aktar korsijiet fl-Isptar il-Qadim, fosthom dak tal-Monasteru, tal-Malti Bażiku, tal-*Computer,* tal-użu tal-pestiċida (b'enfasi fuq il-perikli mill-bexx) li jwassal għal liċenzja tal-użu tal-pestiċidi kif ukoll ieħor fl-armar tal-festi mmirat għat-tfal. Dan tal-aħħar kien organizzat bil-kollaborazzjoni ta' każin ta' banda biex inissel fost it-tfal l-imħabba għall-arti tal-pittura u l-mudellatura.

Fil-qasam ambjentali komplejna nagħtu kontribut billi twaħħlu diversi *litter bins* tal-ħmieġ tal-klieb mar-raħal kollu. Dawn twaħħlu propju biex innaqsu l-ħmieġ mir-raħal tagħna filwaqt li toktor l-imħabba għal *pets* li ta' kull jum tara 'l min idawwarhom fil-għodu sabiex jeżerċitaw irwieħhom. Twaħħlu wkoll anke bankijiet ġodda biex jirrilassaw fuqhom speċjalment l-anzjani tagħna.







Matul is-sena saret il-manutenzjoni tat-toroq mill-kuntrattur tagħna filwaqt li bqajna nużaw is-servizzi tal-ħaddiema tal-Industrial Projects Services Ltd u tal-Community Works Scheme biex niffrankaw spejjeż li ma jkunx hemm għalfejn isiru. Fosthom id-dekorazzjonijiet tal-Milied, Marki tat-Traffiku u anke twaħħil ta' Sinjali tat-Traffiku. Dawn il-ħaddiema jagħtu daqqa t'id biex per eżempju jittrasportaw il-palk li normalment jissellef mid-Dipartiment tal-Kultura għal xi attivita' kulturali.





Matul din is-sena il-Gvern Ċentrali wettaq ukoll xi xogħlijiet fl-Imqabba. Tant li saret l-inawgurazzjoni tas-soqfa tal-Isptar il-Qadim liema xogħlijiet fil-verita' kienu twettqu fis-sena preċedenti. Għal din l-inawgurazzjoni kellna magħna is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Stefan Buontempo. Ix-xogħlijiet kienu saru minħabba li is-soqfa kellhom jinbidlu għaliex it-travi ċedew u salvajna ix-xorok. Xogħlijiet oħra kienu jikkonċernaw il-konkos li ntefa' fi Sqaq Xagħri Mqalleb. Dan iffaċilita' bil-bosta l-aċċess għall-bdiewa fl-inħawi rurali tal-Imqabba. Dawn ix-xogħlijiet kienu jlaħqu eluf ta' ewro li ġew iffrankati mill-fondi tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nfakkru li għadu iħallas għal xogħlijiet li kienu saru fil-leġislatura preċedenti.

Skont l-iskeda annessa ta' tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq hawn annessa, jidher illi kien hemm profitt għal din is-sena ta' €47,000. Madankollu wieħed irid iqis illi dawn il-figuri qed jitkellmu fuq Cash basis u meta wieħed inaqqas id-depprezzament għas-sena 2015 li jlaħħaq għal €114,800, dan jirriduċi ruħu f'telf ta' €67,800.

**Organizzazzjoni**

L-istruttura organizzattiva.



## L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2015 ATTWALI € | 2015 ESTMI € | 2014 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI/ ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 252,179.95 | 258,990.00 | 272,023.89 | (6,810.05) | (19,843.94) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 13,287.68 | 10,985.00 | 2,679.82 | 2,302.68 | 10,607.86 |
| 0090 | L-Investiment | 69.18 | 50.00 | 134.80 | 19.18 | (65.62) |
| 0100 | Ġenerali | 0.00 | 830.32 | 8,741.50 | (830.32) | (8,741.50) |
| | **TOTAL** | **265,536.81** | **270,855.32** | **283,580.01** | **(5,318.51)** | **(18,043.20)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 75,727.97 | 81,300.00 | 82,385.16 | 5,572.03 | 6,657.19 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 137,848.91 | 173,000.00 | 171,440.47 | 35,151.09 | 33,591.56 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 4,893.65 | 16,555.32 | 66,391.00 | 11,661.67 | 61,497.35 |
| | **TOTAL** | **218,470.53** | **270,855.32** | **320,216.63** | **52,384.79** | **101,746.10** |
| | **Bilanċ** | **47,066.28** | **0.00** | **(36,636.62)** | **(57,703.30)** | **(119,789.30)** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2015<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2015<br>ESTMI<br>€ | c<br>2014<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>VARJANZA<br>ATTWALI - ESTMI<br>€ | a-c<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 249,989.26 | 249,990.00 | 241,636.00 | (0.74) | 8,353.26 |
| 0002 | Supplimentari | 26.37 | | 10,732.00 | 26.37 | (10,705.63) |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | | 2,678.02 | | (2,678.02) |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 2,164.32 | 9,000.00 | 16,977.87 | (6,835.68) | (14,813.55) |
| | | **252,179.95** | **258,990.00** | **272,023.89** | **(6,810.05)** | **(19,843.94)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 183.96 | 55.00 | 70.80 | 128.96 | 113.16 |
| 0023 | Attivitajiet Kulturali (kontribuzzjonijiet/donazzjonijiet) | | | 1,500.00 | | |
| 0034 | Gandotti (re-charge income account) | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 112.98 | | 45.18 | 112.98 | 67.80 |
| 0037 | Każijiet Sentenzjati | | | | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 12,990.74 | 10,930.00 | 1,063.84 | 2,060.74 | 11,926.90 |
| | | **13,287.68** | **10,985.00** | **2,679.82** | **2,302.68** | **12,107.86** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 69.18 | 50.00 | 134.80 | 19.18 | (65.62) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **69.18** | **50.00** | **134.80** | **19.18** | **(65.62)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0 | 0.00 | 80 | | (80.00) |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 0 | 830.32 | 8661.5 | (830.32) | (8,661.50) |
| | | **0** | **830.32** | 8741.5 | -830.32 | -8741.5 |
| | **TOTAL** | **265,536.81** | **270,855.32** | **283,580.01** | **(5,318.51)** | **(16,543.20)** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2015 ATTWALI € | 2015 ESTMI € | 2014 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI-ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| 1 | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,685.71 | 7,000.00 | 6,840.00 | 314.29 | 154.29 |
| 1101 | Allowance tad-Deputat/Sindku u l-Kunsillieri | 5,653.00 | 6,000.00 | 6,175.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 54,608.25 | 53,000.00 | 59,529.71 | (1,608.25) | 4,921.46 |
| 1300 | Bonus | 1,887.29 | 7,300.00 | 4,912.25 | 5,412.71 | 3,024.96 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 0.00 | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 5,174.52 | 5,000.00 | 4,928.20 | (174.52) | (246.32) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 0.00 | | | | |
| 1700 | Sahra | 1,719.20 | 3,000.00 | 0.00 | 1,280.80 | (1,719.20) |
| 1800 | FSS Arrears | | | | | |
| | | **75,727.97** | **81,300.00** | **82,385.16** | **5,225.03** | **6,135.19** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,304.69 | 12,500.00 | 8,923.88 | 4,195.31 | 619.19 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 696.56 | 2,000.00 | 503.79 | 1,303.44 | (192.77) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | (672.59) | 22,000.00 | 33,115.01 | 22,672.59 | 33,787.60 |
| 2400 | Kera | 721.92 | 1,800.00 | 1,723.59 | 1,078.08 | 1,001.67 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 190.00 | 500.00 | 101.00 | 310.00 | (89.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 3,413.81 | 4,000.00 | 2,437.41 | 586.19 | (976.40) |
| 2700 | Trasport | 1,508.41 | 2,000.00 | 2,459.03 | 491.59 | 950.62 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 0.00 | 0.00 | | | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 3,890.90 | 3,500.00 | 2,773.13 | (390.90) | (1,117.77) |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 96,398.64 | 100,000.00 | 97,545.69 | 3,601.36 | 1,147.05 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 7,963.21 | 7,200.00 | 5,774.81 | (763.21) | (2,188.40) |
| 3200 | Taħriġ | 0.00 | 600.00 | 330.54 | 600.00 | 330.54 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 13,674.73 | 16,000.00 | 15,690.50 | 2,325.27 | 2,015.77 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | | | | | |
| 3600 | Infurzar tal-Liġijiet | 1,758.63 | 900.00 | 62.09 | (858.63) | |
| | | **137,848.91** | **173,000.00** | **171,440.47** | **35,151.09** | **35,288.10** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 0.00 | | | | |
| 7200 | Titjib | 2,602.64 | | 62,241.00 | (2,602.64) | 59,638.36 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,291.01 | | 2,885.00 | (2,291.01) | 593.99 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 0.00 | 16,555.32 | 1265.00 | 16,555.32 | 1,265.00 |
| | | **4,893.65** | **16,555.32** | **66,391.00** | **11,661.67** | **61,497.35** |
| | **TOTAL** | **218,470.53** | **270,855.32** | **320,216.63** | **52,037.79** | **102,920.64** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 5.1 Kontijiet

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| *17905525013* | **BOV Current Zurrieq (inactive)** | **€0.30** |
| *17905525026* | **BOV Savings LES Operating Account** | **€4,833.26** |
| *40010392218* | **BOV Savings Zurrieq (inactive)** | **€794.16** |
| *13601366017* | **BOV LES Bank Payment Savings** | **€7,847.06** |
| *40010909313* | **BOV Savings Mqabba** | **€31,322.90** |
| *40015022949* | **BOV Current Mqabba Branch (inactive)** | **€0.92** |
| *40019794451* | **BOV Measure 313 (Savings ac)** | **€8,933.77** to be ignored since it is directly linked to M313 |
| *40020528315 and 40010909326* | **BOV Current Accounts** | **€7,637.80** |

## 5.2 Cash in Hand

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5010** | **Petty Cash float** | **€100** |
| **Nominal Code 5013** | **Employees' Cash float** | **€150** |

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv